Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Sarah Kathleen Zerafa]

vs

Marica Camilleri

Kumpilazzjoni Numru: 445/2020

Illum, 14 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Marica Camilleri detentrici tal-karta tal-identita` numru 414187M akkuzata talli nhar it-23 t'Awwissu

2020 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija (23:00hrs) gewwa Triq Sant'Ubaldeska, Paola:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ruth Chircop skond kif iccertifika Dr. Mauro Sacco, numru ta' registrazzjoni 3851 mic-centru tas-sahha ta' Paola;

2. Ghamel lil Ruth Chircop ingurji u/jew theddid mhux msemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien pprovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

3. U talli volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b'ghajjat u/jew bi storbju.

Il-Qorti giet mitluba li f'kas ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Ruth Chircop billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Art. 382A, 383, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Stante ammissjoni bikrija qed issib lill-imputata Marica Camilleri hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Marica Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**